MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 60/2007/1

Francis Schembri

Vs

Angelina sive Lina Schembri

Il-Qorti,

**Interess guridiku – htiega li azzjoni ggib rizultat vantaggjuz jew utli ghall-attur**.

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-8 ta’ Gunju 2007 u li permezz tieghu l-attur qieghed jikkontesta l-validita’ ta’ digriet moghti fit-18 ta’ Mejju 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Familja fil-kawza fl-ismijiet **Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schembri (Rikors numru 6/2007)**. Fil-fatt l-attur qieghed jitlob lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett id-digriet moghti mill-Qorti fit-18 ta' Mejju 2007, almenu fejn jirrigwarda l-minuri rikorrenti Gabriella Schembri u l-precett taghha.
2. Sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghall-ewwel talba, timmodifika u tvarja l-istess digriet billi tordna li l-precett ta' Gabriella Schembri jigi celebrat f'dik il-parrocca fejn il-Qorti jidhrilha opportun u jekk ikun il-kaz tiffissa l-jum meta Gabriella Schembri tkun tista' tircievi s-Sagrament tal-Ewkaristija Mqaddsa.

Minn qari tal-premessi tar-rikors guramentat jirrizulta li l-attur qieghed jippretendi li d-digriet hu null ghaliex fir-rikors li sar minn Dr. Tatianne Cassar il-minuri Gabriella mkien ma ssemmiet u f'kull kaz il-Qorti ma kellix taghti ordni fir-rigward tal-minuri ghaliex naqset milli tismaghha u milli tisma' lill-attur. Ghalhekk skond l-attur id-digriet tal-Qorti hu *"…..affett minn difett tal-principju ta' smigh xieraq u bi ksur tal-principju ta' gustizzja naturali ta' audi alteram partem u konsegwentement ghandu jigi dikjarat null fejn jirrigwarda l-minuri Gabriella Schembri u l-precett taghha"*.

Min-naha taghha l-konvenuta qeghda ssostni li d-digriet tat-18 ta' Mejju 2007 hu regolari u f'kull kaz il-minuri ccelebrat l-ewwel tqarbina taghha fl-10 ta' Gunju 2007 u ghalhekk illum m'hemmx skop ghal din il-kawza.

Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2007 gie verbalizzat li l-minuri Gabriella Schembri ccelebrat l-ewwel tqarbina taghha. Il-Qorti ssollevat ex officio l-kwistjoni ta' interess guridiku tal-attur li jkomplu b'dawn il-proceduri gialadarba llum il-precett gie celebrat.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-attur fit-30 ta' Ottubru 2007.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schembri (Rikors numru 6/2007)** pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Familja.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) Il-kontendenti ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni.
(b) Il-kura u kustodja tat-tfal minuri hi f'idejn il-konvenuta.
(c) Permezz ta' rikors prezentat fis-27 ta' April 2007 l-attrici talbet li l-access tal-konvenut ghall-uliedu jkun sospiz temporanjament ghal weekends bejn it-28 u d-29 ta' April kif ukoll bejn il-5 u 6 ta' Mejju 2007 u dan in kwantu sostniet li zewgha kien behsiebu jiehu lill-uliedhom sabiex jiccelebraw il-precett u l-grizma fil-parrocca ta' San Gorg, Victoria, Ghawdex meta dan kellu jsir fil-knisja arcipretali taz-Zebbug, Ghawdex..
(d) B'digriet moghti fit-3 ta' Mejju 2007 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Familja ordnat li l-precett u l-grizma ta' wlied il-kontendenti jigi celebrat f'parrocca ohra li ma tkunx wahda li ssemmiet mill-kontendenti.
(e) Fl-10 ta' Mejju 2007 l-avukat Dr. Tatianne Cassar bhala avukat talbet li l-Qorti tisma' lill-minuri Josmael Schembri (iben il-kontendenti) rigward is-sitwazzjoni li qieghed ighix fiha.
(f) Wara li l-Qorti semghet lill-minuri Josmael Schembri, b'digriet moghti mill-Qorti fit-18 ta' Mejju 2007 ordnat li *"minflok illi l-minuri ghandhom jircievu dawn is-Sagramenti fil-knisja parrokkjali taz-Zebbug, Ghawdex, fejn kienu jattendu regolarment ghad-duttrina"*.
(g) Mill-atti jirrizulta li l-attur ipprezenta rikorsi (fit-30 ta' Mejju 2007 u fis-7 ta' Gunju 2007) fit-tentattiv tieghu sabiex jigi revokat id-digriet tat-18 ta' Mejju 2007. Pero' t-tentattivi tieghu fallew.

3. Il-kwistjoni li ser nittrattaw hi jekk illum l-attur ghadx ghandu nteress guridiku f'dawn il-proceduri, in kwantu jirrizulta li llum il-minuri Gabriella Schembri ccelebrat il-precett. Eccezzjoni li tista' titqajjem ukoll mill-Qorti *ex officio* (ara **Kevin Chircop vs Joseph Chircop** deciza fl-1 ta' Dicembru 2006 mill-Qorti ta' l-Appell fejn gie ukoll kkonfermat li eccezzjoni ta' din ix-xorta tista' wkoll titqajjem waqt li l-proceduri jkunu pendenti quddiem il-

Qorti ta' l-Appell). Minn qari tar-rikors guramentat hu evidenti li l-iskop ta' din il-kawza kien sabiex il-minuri Gabriella Schembri ma ticcelebrax il-precett fil-parrocca ta' Zebbug, Ghawdex. Peress li mill-atti jirrizula li fl-10 ta' Gunju 2007 il-minuri rceviet l-ewwel tqarbina, fl-14 ta' Gunju 2007 l-attur ipprezenta rikors u talab lil din il-Qorti sabiex tisma' l-kawza bl-urgenza in kwantu ibnu Josmael kien ser jiccelebra l-grizma matul ix-xahar Awwissu 2007. Dan minkejja li mill-premessi tar-rikors guramentat ma jirrizultax li l-attur kien qieghed f'dak l-istadju joggezzjona li l-minuri Josmael jiccelebra l-grizma fil-parrocca ta' Zebbug, Ghawdex. Mill-affidavit li pprezentat l-attrici jirrizulta li anke l-minuri Josmael iccelebra l-grizma.

4. Ghalhekk tqum wahedha d-domanda ta' x'utilita' ghandha din il-kawza mehud in konsiderazzjoni li l-minuri Gabriella Schembri ccelebrat l-ewwel tqarbina fl-10 ta' Gunju 2007 u l-iskop tal-kawza kien proprju sabiex il-minuri ma taghmilx il-precett fil-parrocca ta' Zebbug ? Fil-fehma tal-Qorti t-twegiba hi li m'hemmx iktar utilita' ghal dawn il-proceduri. Kif konfermat mill-gurisprudenza *"biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri* ***hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz****"* (**Beatrice Manche noe –vs- Maria Montebello**, Appell Civili, 13 ta' Frar 1953), *"b'mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi"* (**Giuseppe Camilleri et –vs- Giuseppe Sammut et**, Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (**Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et**, Appell Civili, 27 ta' Mejju 1991; **Albert Calleja –vs- Orazio Micallef**, Appell Civili, 1 ta' April 1992). Interess li jkun irid jezisti mill-bidu tal-kawza sat-tmiem taghha. Fil-kawza fl-ismijiet **Neg. Albert Victor Bartoli pr. et ne. vs Edwin Zammit Tabona et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 1961 gie deliberat: *"Presuppost specifiku tal-azzjoni gudizzjarja huwa l-interess guridiku, il-fatt, cjoe' kwantu ghall-attur, illi minghajr intervent tal-organi gurisdizzjonali, huwa jsofri*

*dannu ngust. Dan l-interess irid ikun jezisti fil-mument lit kun spjegata l-azzjoni. L-attur irid juri illi ghall-ezercizzju tad-dritt tieghu huwa ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti; irid juri li mill-kawza huwa jirritraji utilita' rikonoxxuta mill-ligi"*[1]. Ghar-raguni li diga' nghatat, fil-kaz odjern il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-azzjoni ta' l-attur ma tistax treggi minhabba nuqqas ta' interess. Illum l-attur ma jista' jiehu l-ebda vantagg jew utilita' mir-revoka tad-digriet moghti fit-18 ta' Mejju 2007 in kwantu l-precett sar[2]. Dak li gara hu llum irriversibbli. Ic-celebrazzjoni ta' l-Ewwel Tqarbina hi ta' darba u mhux xi haga li tista' tigi ripetuta (kif donnu pprova jargumenta l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet). Anke jekk ghall-grazzja tal-argument **biss** wiehed kellu jikkunsidra d-digrietmoghti fit-18 ta' Mejju 2007 bhala null, il-minuri xorta ccelebrat L-Ewwel Tqarbina u dan l-istat ta' fatt ma jista' jithassar minn hadd. F'dawn ic-cirkostanzi l-interess guridiku li l-attur seta' kellu fil-mument li giet minnu proposta l-azzjoni jinsab newtralizzat u spicca ghal kollox. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-argument tal-konvenuta li llum il-gurnata m'ghadx hemm skop ghal din l-azzjoni. Dan b'applikazzjoni tal-principju li *"….l-interess ta' l-attur f'kawza jrid jibqa jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni, ghalhiex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta (ara Calleja vs Micallef deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 1992 u Sammut vs Attard deciza wkoll mill-istess Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar 1993)"* (**George Laferla et vs Joseph Lauri et nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Mejju 2002).

5. L-attur argumenta li istitwixxa dawn il-proceduri sabiex *"jissalvagwardja l-interess u d-dritt tieghu bhala missier illi jkun prezenti ghall-ewwel okkazzjoni ta' l-Ewwel Tqarbina, u dan fil-kuntest ta' Digriet li, filwaqt li nghata minghajr ma saret talba biex jigi varjat id-Digriet precedenti, cahhad lill-esponenti mid-drittijiet familjari tieghu bhala missier il-minuri"*. Minn imkien ma jirrizulta li l-attur giex mcahhad milli jattendi ghac-celebrazzjoni ta' l-

[1] Vol. XLV.i.58.
[2] Kif wara kollox giet celebrata l-grizma tal-minuri Josmael.

Ewwel Tqarbina tal-minuri Gabriella. Sfortunatament, minflok l-attur irregola l-posizzjoni tieghu baqa' jinsisti b'dawn il-proceduri u komplew jizdiedu l-ispejjez bla bzonn.

6. Inoltre, l-argument tal-attur li dawn il-proceduri huma essenzjiali ghalih minhabba li gie lez id-dritt fundamentali tieghu ghall-hajja privata u tal-familja u li dikjarazzjoni ta' nullita' taghtih bazi sabiex *"ifittex rimedju kostituzzjonali"*, hi wkoll bla bazi. Jekk l-attur qieghed ihoss hekk m'hemm xejn milli jzommu milli jintavola proceduri *ad hoc* f'dan ir-rigward. Fejn il-lanjanza tkun li Qorti kisret xi wiehed jew iktar minn wiehed mid-drittijiet fundamentali ta' persuna, m'hemmx ghalfejn li dawk il-proceduri jkunu preceduti minn kawza sabiex jigi dikjarat li l-provvediment jew decizjoni tal-Qorti hi nulla. Biex l-attur ifittex *"rimedju kostituzzjonali"* m'hemmx bzonn li jkollu sentenza fil-meritu tal-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tiddecidi l-kawza billi tiddikjara nuqqas ta' interess min-naha tal-attur u ghalhekk tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------